MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1600/2001/2

**RS2 INTERNATIONAL (MALTA) LIMITED**

vs

**KONTROLLUR TAD-DWANA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-28 ta’ Ġunju, 2007, li bih il-kumpannija appellanti (aktar ’il quddiem imsejħa “r-rikorrenti”) ippremettiet illi:

“ ...b’ittra uffiċjali tal-14 ta’ Settembru, 2001, mibgħuta mill-intimat il-Kontrollur tad-Dwana lill-esponenti u notifikata lil din tal-aħħar, l-istess esponenti ġiet interpellata sabiex tħallas is-somma ta’ sbatax-il elf u erbgħa u sittin liri Maltin (Lm 17,064) allegatament dovuti bħala dazju, *levy* u VAT fuq importazzjoni ta’ *computers* u aċċessorji u għamara li seħħet bejn l-1993 u l-1999 skond skeda annessa ma’ din l-istess ittra.

“Illi l-esponenti opponiet l-imsemmija ħlas ai termini tal-art. 466 tal-Kodiċi t’Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili permezz tal-kawża fl-ismijiet premessi għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija, ewlenin fosthom dik li tali tassazzjoni kienet kontra l-liġi in kwantu s-soċjeta’ esponenti kienet eżenti minn tali taxxa.

“Illi l-intimat Kontrollur tad-Dwana wieġeb għal dan billi sostna li t-talba tiegħu għall-ħlas imsemmi hija ġustifikata u skond il-liġi.

“Illi permezz ta’ sentenza deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 t’Ottubru, 2003 fl-ismijiet premessi l-istess Qorti ddeċidiet l-imsemmija kawża billi filwaqt li laqgħet ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana ċaħdet ir-rikors tas-soċjeta’ rikorrenti datat 3 ta’ Ottubru, 2001, stante li huma (*sic*) nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta’ esponenti.

“Illi din is-sentenza ġiet sussegwentemrnt konfermata minn din l-Onorabbli Qorti permezz tas-sentenza datata 9 ta’ Marzu, 2007.

“Illi l-esponenti huma tal-umli fehma li jeżistu l-estremi kollha rikjesti mil-liġi sabiex l-imsemmija sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tiġi revokata u mħassra a tenur tal-art. 811 tal-Kodiċi t’Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta), senjatament ai termini tas-

subartikolu 811(e) li jipprovdi għar-revoka u tħassir ta' sentenzi deċiżi a bażi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi.

"Illi qabel xejn ta' min wieħed jinnota li l-fatti li fuqhom huwa bbażat dan il-każ huma għal kollox inkontestati bejn il-partijiet.

"Illi hemm fil-fatt qbil li s-soċjeta' rikorrenti kienet reġistrata fil-15 ta' April, 1993, bħala "*offshore company*".

"Illi bejn is-snin 1993 u 1999 u ċjoe' meta s-soċjeta' esponenti kienet għadha tgawdi l-istatus ta' "*general trading offshore company*", l-istess soċjeta' importat għamara u *computers* għall-użu esklussiv tagħha.

"Illi fis-7 ta' Frar, 2000, is-soċjeta' msemmija ġiet konvertita għal "*international trading company*" u dan peress li din il-bidla kienet imposta mil-liġi. Sussegwentement għal tali bidla d-Dipartiment tad-Dwana ħa l-pożizzjoni, għal kollox skorretta fl-umli fehma tal-esponenti, li hekk kif dan l-istatus jinbidel it-taxxa jsiru (*sic*) dovuti b'effett mid-data meta l-kumpannija tkun tilfet dak l-istatus u bit-taxxi viġenti dakinhar fil-bidla tal-'istatus'.

"Illi f'dan l-istadju tajjeb li wieħed jara proprju x'inhu meħtieġ mil-liġi sabiex sentenza tiġi revokata u mħassra permezz tal-proċedura ta' ritrattazzjoni a tenur tal-artikolu 811(e) qabel ma wieħed jorbot tali insenjament mal-każ in eżami.

"Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet ***Comm. Francesco Azzopardi v. Francesco Galea*** (deċiża mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar, 1876) kien ġie deċiż li teżisti applikazzjoni żbaljata tal-liġi f'każ ta' ksur ċar u manifest ta' liġi ċara u espressa: "*conseguentemente essendo il presente caso di violazione manifesta di una legge espressa, chiara, non soggetta ad interpretazione, ne` a raziocini o argomenti, importa la nullita` contemplata dal detto articolo 828 no. 3*" [(illum l-artikolu 811(e)].

"Jinsab deċiż ukoll li: "*vi e` falsa applicazione di legge allora soltanto che la decisione, ritenuto il fatto come stabilito nella impugnata sentenza, non sia stata conforme alla legge, ammenocche` non si tratta della interpretazione data della legge stessa*" (***Neg. Giuseppe Vella Zarb v. Antonio Bartolo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar, 1930).

"Aktar riċentement fis-sentenza deċiża mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***A v. B*** fil-20 ta' Jannar, 1992, ġie deċiż ukoll li: "*Fil-każ ta' ritrattazzjoni bbażata fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti kif ġew stabiliti fis-sentenza li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, m'humiex aktar sindakabbli* [....] *Jista' jkun hemm biss lok għar-ritrattazzjoni għalhekk taħt is-sub-inċiż (e),* ***jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, il-Qorti applikat artikolu tal-liġi flok ieħor li kellu jkun applikat***" (enfasi tal-awtur).

"Illi fl-umli fehma tal-esponenti huwa proprju dan l-akbar nuqqas ravviżat kemm fis-sentenza tal-prim'istanza appellata u kif ukoll fis-sentenza tal-appell li tagħha qed tintalab ir-revoka u r-ritrattazzjoni permezz ta' dawn il-proċeduri.

"Illi effettivament l-aggravju tal-esponenti huwa wieħed sempliċi u jinkwadra ruħu perfettament fil-parametri tal-art. 811(e).

"Illi l-intimat Kontrollur tad-Dwana semma fit-talba tiegħu l, permezz ta' ittra uffiċjali datata 14 ta' Settembru, 2001, kien qed jaġixxi ai termini tal-art. 33(2) tal-**Kap. 330 tal-Liġijiet ta' Malta** liema artikolu jipprovdi li: "*Għamara, tagħmir u materjal ieħor meħtieġ minn kumpannija offshore w impurtat f'Malta għall-użu u għall-iskop tagħha nnifisha, u oġġetti personali wżati ta' xi uffiċjal jew impjegat tal-kumpannija mhux residenti f'Malta, impurtati f'Malta mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta tkun ittieħdet residenza f'Malta jistgħu hekk jiġu impurtati mingħajr il-ħlas tad-dwana. Iżda dak id-dazju għandu jitħallas fuq kull ħaġa li tiġi impurtata mingħajr il-ħlas tad-dazju taħt is-subartikolu* ***jekk u meta dik il-ħaġa***

***<u>tinbiegħ, tiġi assenjata jew mod ieħor tiġi trasferita lil persuna residenti f'Malta</u>***" (enfazi tal-awtur).

"Illi ż-żewġ sentenzi waslu għall-konklużjoni li tali artikolu huwa proprju dak applikabbli għall-każ in eżami u dan għaliex "*ladarba l-'offshore company' ġiet konvertita għal kumpannija privata dan ifisser li l-merkanzija u l-proprjeta' in kwestjoni ġiet effettivament trasferita lil persuna legali residenti Malta b'dan li l-oġġetti hekk importati oriġinarjament bl-eżenzjoni msemmija illum jappartienu lil persuna residenti f'Malta b'mod li seħħ trasferiment tal-istess proprjeta' lill-persuna hekk residenti u b'hekk jidħol in vigore l-proviso tal-artikolu 33(2)*" (estratt mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili appellata).

"Illi, apparti l-argument legali li ġie trattat fit-tul mill-esponenti kemm quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell, u ċjoe' dak li effettivament ma jista' jseħħ ebda trasferiment ta' proprjeta' meta dak li jittrasferixxi ('*transferor*') u dak li lilu jiġi trasferit ('*transferee*') huma effettivament f'għajnejn il-liġi u għal kull fini u effetti tagħha l-istess personalita' ġuridika, jeżistu raġunijiet oħrajn li għalihom l-artikolu 33(2) hawn fuq ċitat m'huwiex applikabbli għall-każ in eżami.

"Illi, fil-fatt, l-imsemmi artikolu 33(2) illum il-ġurnata ma jinsabx fil-Kap 330. u dan wara li l-**Att Nru. XIII tal-1994** emenda l-istess Att konsiderevolment. L-istess dispożizzjonijiet transitorji, senjatament l-art. 60 ta' dik li kienet il-**Malta Financial Services Centre Act** (Kap. 330 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdu li: "(1) *Meta kumpannija offshore tavża liċ-Ċentru bil-miktub sa disa' snin mid-data rilevanti li tixtieq ma tibqax tali kumpannija, iċ-Ċentru jista', jekk jidhirlu li jkun hekk xieraq, jawtorizza lill-kumpannija offshore bil-miktub sabiex hija ttemm milli tkun kumpannija offshore minn dik id-data li tiġi stabbilita miċ-Ċentru fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu. Meta taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att il-kumpannija offshore tkun obbligata jkollha kumpannija nominee bħala direttur waħdieni jew segretarju, l-avviż fuq imsemmi għandu jingħata mill-kumpannija nominee għan-nom tal-kumpannija offshore.*

(2) *L-effetti ta' awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa tas-subartikoli ta' qabel dan għandhom ikunu dawn li ġejjin: (a) il-kumpannija offshore għandha ttemm milli tkun kumpannija offshore sa mid-data msemmija qabel u li tiġi stabilita miċ-Ċentru; (b) il-kumpannija offshore m'għandhiex tiġi xjolta billi ttemm milli tkun kumpannija offshore; (ċ)* ***id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom itemmu japplikaw għall-kumpannija sa mid-data meta l-kumpannija ttemm milli tkun kumpannija offshore***" (enfasi tal-esponenti).

"Illi ai fini tal-kawża odjerna l-aktar subinċiżi rilevanti huma l-(b) u l-art. (ċ). Tal-ewwel jipprovdi speċifikatament li soċjeta' *offshore* ma tiġix stralċjata minkejja li titlef tali 'status' tagħha imma tibqa' f'għajnejn il-liġi, l-istess persuna ġuridika bl-istess drittijiet u obbligi. Issa l-fatt li tali soċjeta' *offshore* tikkonverti ruħha f'waħda residenti f'Malta fiha nnifisha m'hijiex suffiċjenti sabiex javvera ruħu xi trasferiment ta' proprjeta' proprju għaliex kif ingħad hawn fuq ma teżisti ebda possibilita' fil-liġi li persuna tittrasferixxi proprjeta' lilha nnifisha. Fin-nuqqas ta' tali trasferiment, l-ebda taxxa ma tista' tiġi imposta u dan għaliex, għal di ir-raġuni wkoll, l-artikolu 33(2) ma jidħolx *in vigore*.

"Illi aktar minn hekk, is-subinċiż (ċ) jipprovdi espressament li d-dispożizzjonijiet tal-Kap 330, hekk kif emendati bl-**Att Nru XIII tal-1994** ma jibqgħux fis-seħħ fir-rigward ta' soċjetajiet li ma jkunux għadhom *offshore*. *Multo magis* jista' wieħed jifhem kif seta' jiġi applikat l-imsemmi artikolu fil-każ in eżami u dana kemm in vista tal-fatt li r-rekwiżiti ravviżati fl-istess artikolu (ossija t-trasferiment ta' proprjeta' lil persuna residenti f'Malta) ma jirriżultaw minn imkien, imma wkoll għaliex huwa l-istess Kap 330 li jeskludi l-applikazzjoni ta' tali artikolu fil-każ in eżami. Bl-ebda mod ma seta' tali artikolu jiġi applikat fil-konfront tas-soċjeta' esponenti wara li din effettivament ma baqgħetx soċjeta' *offshore*, dan skond id-dettami tal-leġislatur, u huwa proprju hawnhekk li, fl-umli fehma tal-esponenti, il-Qorti tal-Appell applikat il-liġi ħażina.

"Illi huwa wkoll kontro-sens li l-Qorti tal-Appell tirreferi għall-artikoli surriferiti min-naħa l-waħda, tinnota li tali artikoli m'humiex applikabbli għall-każ in eżami u li għaldaqstant id-dispożizzjonijiet ta' dak li kien l-Att dwar l-MFSC ma jibqgħux applikabbli għal soċjetajiet bħal dawk esponenti, u mbagħad tgħaddi sbiex tapplika proprju l-art. 33(2) tal-imsemmi Att fil-konfront tal-istess esponenti! Min-naħa l-oħra, l-konklużjoni li, fl-umli fehma tal-esponenti, kellha tasal għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun dik li, in vista tal-artikolu 60(1)(ċ), l-art. 33(2) ma setax ikun applikabbli fil-konfront tas-soċjeta' esponenti in kwantu din ma kinitx aktar soċjeta' *offshore* u għaldaqstant ma setax jiġi impost fuq l-imsemmija soċjeta' dazju ai termini tal-imsemmi artikolu.

"Illi kif ingħad hawnhekk si tratta ta' mankata applikazzjoni ta' dispożizzjoni ċertament applikabbli għall-każ in eżami [art. 60(1)(ċ)]  a favur tal-applikazzjoni ta' dispożizzjoni oħra espressament mhux applikabbli għall-każ [art. 33(2)]. Ċertament li m'hemm ebda interpretazzjoni tal-liġi involuta.  Jirriżulta ċar min-naħa l-oħra li kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kif ukoll il-Qorti tal-Appell applikaw il-liġi ħażina għall-każ in eżami.  Galdaqstant qiegħed jiġi invokat l-art. 811(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jingħad ukoll li huwa prinċipju rikonoxxut li l-liġijiet pubbliċi, ewleni fosthom il-liġijiet fiskali, għandhom jiġu applikati prospettivament u mhux b'mod retroattiv, salv ċerti eċċezzjonijiet mhux applikabbli għall-każ in eżami.  F'dan l-ambitu, huwa wkoll relevanti dak li ġie reċentement osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet ***Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana*** (deċiża 10 ta' Jannar, 2007): "*Ir-retroativita' ta' liġi ma tesponix ruħha awtomatikament għaċ-ċensura tal-kostituzzjonalita' tagħha.* ***Biex dan jissuċċiedi jrid jirriżulta li jkunu ġew vjolati preċetti kostituzzjonali jew prinċipji inerenti għall-istat ta' dritt. In partikolari, il-prinċipju tar-raġonevolezza l-għala ġiet dettata l-liġi u dak tal-affidament taċ-ċittadini, jew tal-kontribwenti***

***fil-materji fiskali, fl-istabilita' u ċ-ċertezza tal-ordinament ġuridiku.***

***"Fost affarijiet oħra, ir-retroattivita' tal-Liġi ma tistax tippreġudika drittijiet kweżiti.*** *Sew jekk id-dritt kweżit ikun kompjut, sew jekk ikun l-oriġini ta' fatt li jkun ġara taħt il-liġi preċedenti, u d-dritt skond dik il-liġi jkun perfett u kompjut, u fl-istess ħin ikun daħal fil-patrimonju ta' min jirreklamah, u l-okkażjoni tal-eżerċizzju tiegħu tippreżenta ruħha taħt il-liġi l-ġdida, fl-ewwel ipotesi għaliex ir-retroativita' hija impossibbli u assurda, u fit-tieni ipotesi l-għaliex l-istess dritt ikun perfett taħt il-liġi antika qabel ma nħolqot l-okkażjoni ta' l-eżerċizzju tiegħu taħt il-liġi l-ġdida, l-istess għandu jiġi rispettat, u l-liġi l-ġdida ma għandhiex, skond il-prinċipji elementari tal-ġustizzja u ekwita', ikollha setgħa fuqu*" (enfazi tal-esponenti).

"Illi dan jingħad in kwantu fis-sustanza tagħhom is-sentenzi tal-prim'istanza u tal-Qorti tal-Appell fil-fatt jissanzjonaw metodu għal kollox ġdid jekk mhux ukoll uniku ta' tassazzjoni, ċjoe' dik it-tassazzjoni li tolqot lil min, sa ftit żmien qabel, kien suġġett għal inċentiv statali u li, issa, tramite l-operat tal-leġislatur, ma jibqax igawdi minn tali inċentiv. Madankollu, dan ċertament ma jfissirx u ma jistax ifisser li wieħed ikollu retrospettivament jirritorna lill-Istat dak l-inċentiv li huwa kien igawdi minnu fil-mument li huwa kien applika għalih. Tali applikazzjoni tal-liġi ma tistax ma tiledix id-dritt kweżit ta' soċjetajiet bħal dik esponenti. Hu minnu li d-dħul ta' Malta bħala Membru tal-Unjoni Ewropeja kellu jwassal sabiex il-pożizzjoni Maltija f'xi aspetti tas-servizzi finanzjarji tagħha kellhom jiġu emendati in linea mal-*acquis* pero' dan ukoll ma jfissirx li l-leġislatur ried imur l-estrem l-ieħor u jitlob lura kwalunkwe inċentiv li minnu jkun gawda s-*service provider*, aktar u aktar meta dan si tratta ta' inċentiv fiskali. **Fl-umli fehma tal-esponenti huwa proprju f'dan id-dawl li l-art. 33(2) għandu wkoll jirriżulta mhux applikabbli għall-każ in eżami.**

"Għaldaqstant l-esponenti titlob li din il-Qorti, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew ordni neċessarja u/jew opportuna u għar-raġunjiet hawn fuq premessi, tiddeċiedi

billi tiddikjara li s-sentenza datata 9 ta' Marzu, 2007, deċiża mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-ismijiet "*RS2 International (Malta) Limited vs Kontrollur tad-Dwana*" (App. Ċiv. 1600/01) liema sentenza ikkonfermat is-sentenza fl-istess ismijiet deċiża mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata 30 ta' Ottubru, 2003, applikat il-liġi ħażina għall-każ ai termini tal-art. 811(e) tal-**Kodiċi t'Organiżżazzjoni u Proċeduri Ċivili** (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u konsegwentement tordna li l-imsemmija sentenza tiġi rexissa, mħassra u revokata a tenur tal-art. 812 u tal-art. 811(e) surreferit tal-**Kodiċi t'Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili** u tordna r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawża bl-ispejjeż kollha istanzi (*sic*) kontra l-Kontrollur tad-Dwana intimat";

Rat ir-Risposta mressqa mill-intimat appellat fid-19 ta' Ġunju, 2007, li biha u għar-raġunijiet fiha mfissrin, saħaq li t-talba tal-kumpannija appellanti rikorrenti biex din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija fid-9 ta' Marzu, 2007, ma jistħoqqilhiex tintlaqa' għaliex (a) ma huwa minnu xejn li s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażina għall-każ; (b) it-talba tikkonsisti sewwasew f'dibattitu tal-liġi li jittanta jiftaħ mill-ġdid it-trattazzjoni tal-każ b'evalwazzjoni tar-rikorrenti dwar id-dritt applikabbli skond il-fehma tagħha, liema evalwazzjoni ma twassalx għall-applikazzjoni tal-artikolu 811(e); u (ċ) li l-ilment tar-rikorrenti diġa' ġie mistħarreġ mill-Qorti fis-sentenza attakkata bħala kwestjoni ta' interpretazzjoni tal-liġi li dwarha din il-Qorti espressament tat id-deċiżjoni tagħha. L-intimat jgħaddi mbagħad biex ifisser kif is-sentenza attakata (u dik tal-ewwel istanza, li minnha kien sar appell u li s-sentenza attakata għaddiet biex tikkonferma) kienet, fis-sewwa, msejsa fuq l-applikazzjoni tal-liġi li kienet tgħodd għall-każ;

Rat it-tliet Noti ta' astensjoni tal-15 ta' Ottubru, 2007, imressqin għall-finijiet tal-artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat is-surroga tal-15 ta' Ottubru, 2007[1], li biha twaqqfet din il-Qorti kif issa kostitwita;

[1] Paġ. 20 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2007;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tad-19 ta' Ottubru, 2007;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fit-22 ta' Ottubru, 2007[2], għall-finijiet tal-artikolu 816 talkapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din il-kawża tirrigwarda talba magħmula mir-rikorrenti biex il-Qorti tiddikjaraha meħlusa mill-effetti ta' talba magħmula fl-14 ta' Settembru, 2001[3], b'ittra uffiċjali mill-intimat għall-finijiet tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tirrendi eżekuttiva pretensjoni tiegħu dwar dazju, *levy* u Taxxa Dwar Valur Miżjud dovut mir-rikorrenti b'rabta mad-dħul f'Malta ta' *computers* u aċċessorji u kif ukoll ta' għamara li seħħew bejn l-1993 u l-1999;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru, 2003[4], dik il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti u sabet li l-intimat kellu raġun jitlobha l-ħlas imsemmi fl-ittra uffiċjali tiegħu;

Illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2007[5], dik is-sentenza kienet konfermata għal kollox;

Illi l-ewwel osservazzjoni li għandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew

[2] Paġ. 23 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni
[3] Ara kopja tad-dokument f'paġ. 95 tal-proċess
[4] Paġġ. 124 sa 139
[5] Paġġ. 159 sa 163

analoġija[6]. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindente* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, l-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmul mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi[7];

Illi **dwar il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi** (Art. 811(e) tal-Kap 12), ir-rikorrenti tgħid li din il-Qorti, fis-sentenza li tagħha qiegħda titlob it-tħassir, ma messhiex applikat l-artikolu 33(2) tal-Kap 330, iżda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 60 tal-istess Att, u b'mod partikolari s-sub-artikolu (1)(ċ) tiegħu;

Illi biex jitqies li f'sentenza saret applikazzjoni ħażina tal-liġi, jeħtieġ jintwera li, meta l-fatti huma tassew kif stabiliti f'dik is-sentenza, d-deċiżjoni ma tkunx skond il-liġi. Dan mhux biżżejjed, għaliex ma hemm lok għall-ebda ritrattazzjoni jekk kemm-il darba l-kwestjoni tkun fuq interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun tat deċiżjoni;

---

[6] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe***
[7] App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli vs Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**) u App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Caruana et. vs Anna Schembri et.,***

Illi minn dan joħroġ li s-smigħ mill-ġdid ta' kawża ma jingħatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-liġi li tkun tgħodd għal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi wżata liġi li ma kinitx tapplika għall-każ. Terġa' u tgħid, f'każ bħal dan lanqas tingħata r-ritrattazzjoni jekk il-kwestjoni kienet tirrigwarda tifsira ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament iddeċidiet;

Illi l-funzjoni ta' kull Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni[8], u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba jew kif ukoll jekk ma tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato*"[9];

Illi wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-vjolazzjoni tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv[10]. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti. Fi kliem l-awturi l-aktar imrawmin f'din il-materja, "*falsa applicazione* (di legge) *e' la sconvenienza di rapporto che passa tra la legge e il fatto. Havvi falsa applicazione di legge quando una disposizione generale fu applicata a caso sottratto per legge al dominio di quella disposizione, o quando una disposizione eccezionale fu applicata a casi a cui non si estende. ... (L)a falsa applicazione e' sempre positiva; e' un vero scambio che sposta il diritto o lo colloca una base arbitraria*"[11];

---

[8] App. Ċiv. **8.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Pavia*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.326**)
[9] Mattirolo <u>*Trattato di Diritto Giudiziario Civile*</u> (1904), Vol. IV, par. 1043
[10] Merċieca <u>*Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi*</u> (2005), Kap 6, paġ. 126
[11] Borsari <u>*Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato*</u> (1872), f'par. 648

Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranita' tal-ġudikant u, bħala tali m'hijiex suġġetta għar-ritrattazzjoni[12]. Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata u mhux li applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ[13]. Huwa minħabba f'hekk ukoll li l-liġi[14] – sewwasew b'riferenza għall-kawżali maħsuba fil-paragrafu (e) tal-arikolu 811 – trid li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża jsemmi wkoll liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost kienet applikata[15]. Fil-kawża tal-lum, ir-rikorrenti, fuq talba ta' din il-Qorti, ressqet Nota biex issemmi liema dispożizzjoni tal-liġi messha, skond il-fehma tagħha, kienet applikata minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata;

Illi biex jiġi mistħarreġ sewwa jekk hemmx lok li tingħata r-ritrattazzjoni taħt din il-kawżali, għandu jitqies li l-fatti riżultanti fis-sentenza attakkata huma tassew dawk li kienu hekk irriżultaw lil dik il-Qorti. M'għandhiex għalhekk il-Qorti li qegħda tisma' talba għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża (jew biex tqis jekk għandhiex tħassar is-sentenza attakkata) terġa' tgħarbel il-fatti jew tagħtihom l-interpretazzjoni tagħha[16]. Jekk tagħmel hekk, tkun qegħda tibdel l-istitut tar-ritrattazzjoni f'wieħed ta' "tielet appell"[17] jew agħar, għaliex normalment lanqas il-Qorti fi stadju tal-appell ma tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad dwar l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti riżultanti. Fil-każ li għandna quddiemna, iż-żewġ partijiet iddikjaraw għal darba darbtejn li dwar il-fatti ma kellhom l-ebda kontestazzjoni bejniethom. Il-kwestjoni kienet dwar it-tifsira legali ta' dawk il-fatti. B'mod partikolari, ir-rikorrenti tisħaq li meta fl-2000 hija għażlet li ma tibqax kumpannija *offshore*, il-bidla tal-i*status* tagħha ma bidilhiex f'persuna ġuridika oħra, imma baqgħet l-

[12] App. Ċiv. **3.2.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Żarb vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.433**)
[13] App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et vs Hicklin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**)
[14] Art 816 tal-Kap 12
[15] App. Ċiv. **24.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella et***
[16] App. Ċiv. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.299**) u App. Ċiv. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella vs Avukat Emanuel Ċefai***, fost oħrajn
[17] App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)

istess u għalhekk dak li kienet daħħlet f'Malta bħala kumpannija *offshore* bejn l-1993 u l-1999 baqa' għandha u m'għaddiex għand ħaddieħor. Fuq kollox tgħid li d-dispożizzjonijiet tal-Kap 330 (li bis-saħħa tiegħu l-intimat bagħtilha l-ittra uffiċjali) ma kinux jibqgħu jgħoddu għal kumpannija li tagħżel li ma tibqax waħda *offshore* minn dak il-waqt li titlef dan l-i*status*;

Illi meta wieħed japplika l-prinċipji hawn fuq elenkati mal-fattispeċi tal-każ, wieħed jasal biex jgħid li l-ilment tar-rikorrenti m'huwiex fondat. Kif sewwa jgħid l-intimat fir-Risposta tiegħu u b'mod iżjed konċiż mill-għaref difensur waqt it-trattazzjoni tagħha quddiem il-Qorti, ir-rikorrenti naqset għal kollox milli ssemmi li, sewwasew fl-istess Kap 30, kien hemm dispożizzjoni transitorja fl-artikolu 58(4) li kienet iżżomm l-effetti tal-artikolu 33(2) fis-seħħ sal-2004, jiġifieri sa erba' snin wara li r-rikorrenti għażlet li ma tibqax iżjed kumpannija *offshore*. Meta ntbagħtet l-ittra uffiċjali mill-intimat, dik id-dispożizzjoni tal-liġi kienet għadha fis-seħħ;

Illi dan kollu jġib miegħu żewġ konsegwenzi. L-ewwel waħda hi li, fil-fatt, kemm l-ewwel Qorti u kemm din il-Qorti fis-sentenza attakkata qiesu jekk kellux japplika għall-każ l-artikolu 33 abbinat mal-artikolu 58 tal-Att (u sabu li dan kellu japplika b'rieda espressa tal-leġislatur). It-tieni waħda hi li ladarba l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu kienet mistħarrġa u dibattuta fiż-żewġ stadji tal-kawża, iwassal li tingħalaq it-triq li wieħed jinvoka l-istitut tar-ritrattazjoni fuq dan il-punt sewwasew minħabba li l-*proviso* tal-artikolu 811(e) ma jħallux li dan isir. Fi kliem ieħor, tħares minn fejn tħares lejn l-ilment tar-rikorrenti, ir-rimedju tar-ritrattazzjoni ma huwiex disponibbli għaliha għar-raġuni magħżula minnha;

Illi jidher li r-rikorrenti qegħda tqanqal ukoll il-kwestjoni tar-retroattivita' tal-liġi fiskali biex tħajjar lil din il-Qorti kif issa komposta biex tqis l-appell mill-ġdid taħt il-lenti tal-ksur tad-dritt kweżit u tal-ekwita'. Dan ma jista' jingħad bl-ebda mod li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 58 tal-Att kellhom effett retrospettiv għar-rikorrenti, u dan billi meta hija għażlet li ttemm l-i*status* tagħha ta' kumpannija *offshore*,

dawk id-dispożizzjonijiet kienu diġa' ilhom madwar sitt snin fis-seħħ u r-rikorrenti kien mistenni li tkun taf bihom;

Għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża fuq din il-kawżali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti** RS/2 International (Malta) Limted, bl-ispejjeż kontra tagħha, billi ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2007, fil-kawża fl-ismijiet premessi u għas-smigħ tagħha mill-ġdid.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------